# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2016

**Talba numru 723/2014AM3**

**Numru fuq il-Lista: 26**

**IG Enterprises Limited (C18849) u**

**Ivan Zammit (K.I. 479166M),**

**46, Triq ix-Xatt,**

**Sliema**

**Vs**

**Epp Aasaru (Pass No A A0539945)**

**Experience Centre, Ta' Xbiex Waterfront**

**Ta' Xbiex XBX 1027**

**It-Tribunal**

Ra l-verbal a fol 36 li permezz tiegħu t-Tribunal ordna li din l-kawża tinstemgħa kontestwalment mal-kawża 509/2015 u li s-smigħ tagħha jinstemgħa flimkien ma' din l-kawża.

Ra t-talba tal-atturi tat-30 ta' Ottubru, 2014 li permezz taghha talbu li l-konvenuta tigi dikjarata unikament responsabbli ghal hsarat kagunati minnha fil-vettura bin-numru EBK – 884, jillikwida l-istess danni fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€425.58c); tillikwida d-danni ta' cessazjoni ta' lukru ta' ghaxart ijiem kirja sofferti mis-Socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) bir-rata specjali ta' ghoxrin ewro (€20) kull gurnata minflok bir-rata kummercjali ta' sebgha u tletin ewro u hamsin centezmu (€37.50c) u tikkundanna lill-konvenuta ghal hlas tas-somma tad-danni hekk likwidati a tenur tat-tieni u tielet talba u dan wara li l-atturi flimkien u solidalment bejniethom krew il-vettura tal-ghamla Chevrolet Aveo bin-numru ta' registrazzjoni EBK - 884 fit-12 ta' Settembru, 2014 lil konvenuta ghal tlett ijiem izda li b'imperzja, traskuragni, nuqqas ta' hila jew xort' ohra b'neglizenza l-konvenuta saqet il-vettura b'mod li harqet il-clutch tal-vettura biss ftit sieghat li kienet ilha issuqha. Li meta ma setghetx tkompli issuq il-vettura l-konvenuta lir-rapprezentant tas-Socjeta` attrici fejn qaltlu li kienet ser thalli l-vettura fejn kienet (Ghawdex) u tigi lura ghax il-vettura ma tahdimx sew; li l-konvenuta kisret il-vettura u garbitilha hafna hsara u s-Socjeta' attrici barra li nkorriet l-ispejjez ghat-tiswija tilfet ghaxart (10) ijiem kirja meta din kienet ghadha kif issewwiet.

Ra d-dokumenti esebiti mat-talba tal-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenuta a fol 15 li permezz taghha eccepiet li hija resqet talbiet quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur ghad-danni minnha sofferti rizultanti mill-kirja in kwistjoni u l-atturi ghamlu kontro-talba mnissla fuq l-istess pretensjonijiet li qed jaghmlu f'din it-talba u ghalhekk talbet is-soprassessjoni; li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; li mhuweix minnu li l-konvenuta saqet il-vettura in kwisjtoni b'mod negligenti, b'imperija, b'nuqqas ta' hila jew bi traskuragni; li l-vettura in kwisjtoni ma kienetx idoneja jew fil-kundizzjoni li tintuza ghall-iskop li giet mikrija; li l-konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lir-rikorrenti jew min minnhom.

Ra d-decizjoni ta' dan it-Tribunal diversament presedut tat-08 ta' Mejju, 2015 li permezz taghha dan it-Tribunal cahad l-eccezzjoni dwar is- soprassessjoni u ordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.

Ra d-decizjoni tat-Tribunal tal-Konsumatur prezentat mis-Socjeta` attrici a fol 23 li fiha l-istess Tribunal astjena milli jiehu konjizzjoni tat-talba tal-konvenuta.

Xehed Ivan Zammit, Direttur tas-Socjeta' attrici li spjega li l-konvenuta kriet il-vettura Chevrolet Aveo bin-numru ta' registrazzjoni EBK – 884 u l-ftehim sar fit-12 ta' Settembru, 2014. Hija talbet li l-vettura tkun adattata ghal erbgha min-nies u li tkun manual. Hija rtirat il-karozza wara nofsinhar u kienet mghagla u l-karozza kienet in good working order. F'Lulju, 2014 kien inbidel il-clutch ta' din il-vettura u pprezenta Dok IA1 a fol 29 li juri dan. Huwa talabha biex tiffirma l-inspection form u hekk ghamlet u meta startjat il-karozza nnota li l-konvenuta iddum hafna sabiex taqla' u fil-fatt damet madwar ghoxrin (20) sekonda sabiex telqet. Innota wkoll li meta l-konvenuta giet sabiex taqla' bil-karozza din bdiet tinnokja u allura ssuspetta li ma qalghetx fuq il-first gear izda fuq it-tielet gear. Is-Sibt, l-ghada, cemplitlu ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar u qaltlu li "the car is on fire." U meta staqsiha ghan-numru tar-registrazzjoni tal-vettura hija qaltlu li ma tafx u qallha biex icempel lill-Pulizija, izda mbaghad qaltlu li mhux hadet in-nar izda kellha duhhan hiereg mill-magna. Fuq it-telefown il-konvenuta bdiet issostni li huwa ta karozza difettuza. Tal-MET Towing Service cemplitilhom il-konvenuta u l-mechanic taghhom wara qallu li meta mar fuq l-post kien hemm problema ghax kien jidher li kien inharaq il-clutch u seta' mal-ewwel jiddentifika l-problema minn hames metri l'boghod ghaliex kien hemm riha qawwija ta' hruq. Tal-MET spjegalha li t-tow truck iwassalha mic-Cittadella fejn kienet ghal Ferry ta' Ghawdex izda biex jghabbiha fuq l-istess Ferry ikun hemm charge. Din l-informazzjoni kienet kollha kontenuta fil-conditions li kien hemm indikati fil-karozza. Il-prezz ta' hamsa u sittin ewro (€65) kien jikkomprendi wkoll il-fee tal-Ferry tal-Gozo Channel kemm tat-tow truck u kif ukoll tal-istess vettura.

Il-konvenuta cemplitlu sabiex tavzah li ma kienet disposta li thallas dan l-ammont u bdiet tinsisti li jghatiha replacement car. Zammit qallha li ma kienx lest jaghmel dan ghax il-hsara kkawzatha hi u hija avzatu li kienet ser tikri karozza minn Ghawdex u mbaghad kienet ser tghaddilu l-kont taghha izda huwa avzaha li ma kienx ser ihallas ebda kontijiet ta' karozzi li kienet ser tikri. Gara li l-partijiet ftehmu li din l-karozza jigbduha mic-Cittadella sal-lukanda fejn kienu qed joqghodu mbaghad l-ghada kellha terga tikkommunika ma' tal-MET sabiex inizluha lura lejn Malta u hekk gara.

Il-karozza waslet mit-tow truck u meta haduha ghand Gasan Zammit l-importatatur ta' dawn l-vetturi, dawn ghamlu stima li tinsab a fol 9 u dik a fol 8 hija dik ta' meta saru x-xogholijiet ta' riparazzjoni.

Ix-xhud xehed li jippretendi l-hlas ta' erba' mija hamsa u ghoxrin ewro u disgha u hamsin centezmu (€425.59c) skont l-ircevuti a fol 29 u 30 u mitejn ewro (€200) ta' xoghol li tilef bir-rata ta' ghoxrin (€20) kuljum. Il-konvenuta ma wriet ebda interess f'dak li gara u meta bghatilha e-mail fis-17 ta' Settembru, 2014 huwa ma rcieva ebda risposta.

In kontro-ezami (fol 60 et) Zammit xehed li l-karozza kienet tahdem perfettament u ma kellux ghalfejn jistartjaha meta marret ghaliha l-konvenuta. L-inspection form a fol 5 turi li l-karozza giet iccekjata kemm ghal fuel u daqqiet, tyres u affarijiet hekk. Jaqbel li l-inspection tkun prattikament fuq il-body tal-karozza. Xehed li huwa fl-interess tal-persuna li qed issuq li tmur lura jekk tara xi difetti. Xehed li kull karozza ma' kull ghaxart elef (10,000) kilometru tigi sservisjata l-magna, jinbidlu t-tyres, brejkijiet jinbidlu u meta hemm bzonn clutch jinbidel. Il-mileage tal-vettura a fol 8 juri li kien '62850' u meta muri fol 70 li juri l-mileage f'Lulju kien ta' '2359'. Zammit xehed li dan huwa mpossibli. Huwa spjega li jekk tiehu l-mileage a fol 8 ta' '62850' id-differenza hija ta' hames mitt (500) kilometru u dan jigifieri li l-karozza kull ma kien hemm fuqha hames mitt (500) kilometru minn clutch gdid sa meta haditha l-klijenta. Meta mistoqsi li f'fol 70 ma hemmx miktub hekk Zammit wiegeb li huwa evidenti li s-six (6) ma nizluhx.

Ix-xhud spjega li meta l-konvenuta telqet bil-karozza hija tefghatha fuq il-gear third u jaf b'dan ghax il-karozza meta telqet biha bdiet tiskossja u hu qal "Alla maghna". Kienet il-konvenuta meta cemplitlu li qaltlu li ghandha l-clutch u rega spjega x'qalilha li ghandha taghmel u qalilha li l-clutch kien ghadu kif inbidel. Huwa sostna li kieku l-karozza li krielha kellha difett fil-clutch il-karozza ma baqghetx issuqha, kienet taqbad u tigi biha lura. Huwa rrifjuta li jhallasha talli nefqet biex gabitha minn Ghawdex ghax fil-kondizzjonijiet tal-kuntratt ghandha li jekk tieqaf Ghawdex il-hlas tal-vapur jithallas minnha u t-towing minn Ghawdex huwa b'xejn. Huwa prezenta Dok IZD1 a fol 65 mistoqsi meta hadu l-vettura ghat-towing meta saret il-hsara fit-13 ta' Settembru pero` ma kienx cert izda jaf li l-karozza damet tlett ijiem biex tissewwa u li kieku l-konvenuta

riedet tmur tara l-karozza x'kellha setghet tmur hemm u tara. Il-karozza tlestiet fil-25 ta' Settembru.

Mistoqsi kif fl-affidavit huwa xehed li l-karozza giet ritornata l-Hadd u li mbaghad eventwalment haduha ghand Gasan Zammit huwa wiegeb li l-Hadd Gasan Zammit jkun maghluq u li meta xehed 'eventwalment' ma riedx ifisser li ghadda z-zmien. Tat-towing wasluha hdejn Gasan Zammit u hallielu c-cavetta go fiha u huwa mar aktar tard ha c-cavetta u l-ghada tajtha lil Gasan Zammit biex idahluha gol-garage. Mistoqsi meta bdew jahdmu fuqha ta' Gasan Zammit wiegeb li hu ta l-go ahead u ghalhekk baghat e-mail lill-konvenuta fis-17 ta' Settembru biex hi tkun taf izda hija qatt ma wegbitu. Huwa nnega li l-konvenuta qaltlu li riedet iggib il-mechanic taghha biex jara l-karozza. Rigward il-garanzija ta' disghin (90) gurnata meta f'dan il-kaz id-disghin (90) gurnata ma kienux ghaddew u mistoqsi ghaliex ma ghamilx uzu mill-garanzija, Zammit wiegeb li lil Gasan trid tistaqsi u mhux lilu. Mistoqsi kif tista l-konvenuta tkun taf il-clutch kienx gdid jew le, Zammit wiegeb li dan kien xtrah hu minghand Gasan Zammit stess u ghandu l-invoice.

*On the 15th July, 2015 at fol 31 the Tribunal ordered that the proceedings be conducted in the English Language* izda mill-atti jidher li kollox baqa` ghaddej bil-Malti u ghalhekk dan it-Tribunal ser ukoll ikompli bil-Malti.

Ra d-dokumenti esebiti mis-Socjeta` attrici dwar il-korrispondenza li ghaddiet bejnha u bejn MET Road Assitance Limited.

Ra l-affidavit ta' Noel Sultana a fol 38 li xehed li huwa joffri servizz ta' towing f'Ghawdex biss u fit-13 ta' Settembru, 2014 gie msejjah biex jittowja l-vettura in kwisjtoni ghal habta tas-1.30pm li kienet fil-pussess tal-konvenuta. Meta mar fuq il-post kien hemm riha qawwija ta' clutch mahruq u din hija riha pjuttost partikolari u wiehed jidentifikaha awtomatikament u mill-ewwel. Huwa rraporta dan lil Ivan Zammit rapprezentant tas-Socjeta' attrici.

Ra l-verbal a fol 40 li permezz tieghu l-atturi ghalqu l-provi.

Ra l-affidavit tal-konvenuta a fol 45 bil-lingwa Ingliza. She explained that she hired this car when her mother and her friends were on holiday in Malta to Gozo for the weekend and that she has been driving for the past ten years and she never had problems. On 13th September, 2014 when she started driving the car she realised that the clutch felt 'spongy' and it was hard to find the bite point of the clutch and she had to let the clutch out most of the way before the gear caught. However she did not think much of it because she thought this was due to it being an old car compared to the one she was used to driving. When they reached Gozo there was a traffic jam near Victoria because traffic was redirected and since the traffic was slow it was especially apparent that the clutch did not engage smoothly and it was difficult to switch gears since the clutch was striking. Shorty after when they reached Triq Al Ghajn near Fontana the car just stopped and when she tried switching the car back on, the engine would start but the gears would not switch on; she called the plaintiff company and Ivan Zammit told her to call AST Road Assistance Service. The towing service arrived at 1:00pm and it was confirmed that the problem with the car may have been due to a clutch failure. He informed her that the clutch problems were very common with rental cars. She informed Ivan Zammit about this but Ivan told her that the clutch failure was her fault as the vehicle's clutch had been changed about a month before and he refused to give her a replacement car and she had to pay for the towing-service to bring the car back to Malta.

The defendant also testified that Ivan Zammit refused to give her the possibility to have the damage assessed in her presence despite that the conditions and procedures in the event of any accident and collection /return of the vehicle printed on the backside of the Vehicle Inspection Sheet say so. She stated that Ivan was offensive and unhelpful. When she told Ivan that she should not have to pay for the towing because the 24 hour breakdown service was included in the rental fee which she had already paid, he did not agree and threatened that if she did not pay the car would be left in Gozo and she would incur further charges. Eventually they agreed that the car would be brought back to Malta the next evening. On Sunday evening the car was towed to Malta and when she asked where the vehicle will be delivered and whether she could go with the towing car to see whether damage inspection could be carried out, the towing company driver declined and told her that they are all closed on Sunday. They took the bus back to Sliema.

A fol 73 xehed Joseph Scicluna in rapprezentanza ta' Gasan Zammit Motors Limited u kkonferma l-ircevuti a fol 29 bhala mahruga minnhom u dik a fol 30 hija ircevuta ta' clutch kit pero` fuq labour biss. Fol 29 juri l-part u l-prezz, fol 30 juri labour talli bidluha. Huwa kkonferma fol 8 li turi labour charge ta' clutch kit u l-ammont tal-labour mibdul. Dak inhar sabu li l-clutch kien qed jislipja. F'Lulju kien inbidel il-clutch u f'Settembru l-clutch rega' inharaq u allura rega inbidel ghat-tieni darba. Huwa spjega li ma tistax tghid kif tigi l-hsara fil-clutch ghax il-clutch tista taharqu f'hames minuti. Il-fatturi jistghu jkunu diversi, il-mod kif saq min kien qed juza l-karozza, jista jkun bi ksuhat u jista jkun ma jkunx. Jigifieri jekk tinqabad fi traffiku jew f'tela' u jaqbad jislipja, once li jibda jibqa sejjer. Il-karozza damet biex tissewwa gurnata cioe` eight hours. Huwa rega tenna li l-kawza tal-clutch ma tkunx taf u trid tibdel kit. Huwa spjega xi tfisser 'jislipja' u xehed li l-clutch qieghed bejn zewg affarijiet li qeghdin iduru, jigifieri dawk iz-zewg affarijiet il-clutch li jaghmel hu li jghaqqadhom flimkien. Ghandek a limited amount of slippage sakemm inti titlaq il-clutch minn taht saqajk jigu ma' xulxin u l-karozza tibda miexja. Meta l-gear ma jibdiex jidhol mal-ewwel mhux necessarjament ifisser li hemm xi hsara fil-clutch. Generalment meta jmur il-clutch inti titlaq saqajk u l-magna tibda tirrejzja minghajr ma timxi, dak li jigri. Spjega li gieli jkollok nies beginners u li f'tela` minflok li joqghodu jerfghu l-handbrake joqghodu jzommu fuq il-clutch joqghodu jilghabu fuq il-clutch u hemmhekk easy jaharquh.

A fol 78 et is-Socjeta` attrici prezentat l-ircevuta li tura x-xiri ta' clutch gdid minghand Gasan Zammit datata 29 ta' Lulju, 2014 u l-forniment taghha lil garaxx meta sar it-tibdil tal-clutch datata 31 ta' Lulju, 2014.

Ra l-verbal a fol 72 li permezz tieghu l-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi.

Gew prezentati noti miz-zewg partijiet.

Ikkunsidra

Mill-provi jirrizulta li l-vettura mertu ta' din l-kawza giet mikrija lil konvenuta u li sar ftehim bil-miktub. Li dak inhar stess li krietha l-karozza inharqilha l-clutch meta kienet Ghawdex u ghalhekk il-karozza giet ittowjatha Malta. Is-Socjeta' attrici tikkontendi li l-hsara giet kawzata mill-konvenuta filwaqt li l-konvenuta tikkontendi li l-clutch kien diga

difettuz meta hija harget il-karozza. Is-Socjeta` attrici tippretendi li tithallas tal-ispejjez li ghamlet fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€425.58c) filwaqt li l-konvenuta tippretendi li tithallas s-somma ta' mija u erbgha u sittin ewro (€164) talli kellha terga tikri karozza, tat-towing, u tal-assikurazzjoni.

Bhala konsiderazzjonijiet legali dwar danni t-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti:

Skon l-Art 1031 tal-Kodici Civili *"Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" u allura kif ritenut car ma jistax jehles mir-responsabilita` li jnehhi l-kawza ta' hsarat fil-fond tieghu anke jekk ghal tali hsarat jkun qed jikkontribwixxi l-fatt ta' haddiehor*. (**Gatt Henry vs Camilleri Charles Prim'Awla per Sciberras 28/1/04)**

Art 1032 tal-istess, jistipula: *Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

Gie ritenut li biex iwaqqa` il-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

a. L-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara; u

b. In-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsara. **(App inf per Sciberras 23/6/04 Vella Giovanni et vs Cilia Michael sentenza parzjali).**

Huwa principju pacifikament ricevut f'materja ta' danni li "biex ikun hemm lok ghar-responsabilita` tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferit (**kollez XXX Vbol. pIII p 142)**

Jinhtieg li jigi pruvat li l-konvenut kolpozament u negligentement ma hax il-prekawzjonijiet ta' bonus pater familias mistennija minnu biex jassigura li ma jigux

kawzati d-danni li effettivament graw fil-fondi vicini. L-Artikolu 1132 tal-Kap 12 jigbor fih dan il-punt tad-dritt u hija disposizzjoni ewlenija fil-kamp tal-obbligazzjonijiet in kwantu tiddetermina l-mizura tal-kondotta tad-debitur tal-obbligazjoni fl-ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet tieghu tenut rigward tan-natura tar-rapport partikolari u tac-cirkostanzi ta' fatt li jikkonkorru biex jiddeterminawh.

Jinsab sostenur "che in diritto la diligenza da essere usata nell-adempimento du una obbligazione e la colpa dalla quale il debitore deve rispondere sono due concetti che si corrispondono, e si compenetrano nel senso che finche' uno ha usato la diligenza che doveva usare non e' in colpa, e quando e' in colpa lo si e' appunto per non avere usata la debita diligenza" **(**ara **Magro vs Agius Appell Civili 20 ta' Frar 1920)**.

Illi ghalhekk sta ghat-Tribunal jistablixxi jekk din l-hsara gietx kawzata minhabba traskuragni tal-konvenuta jew le. Bhala stat ta' fatt huwa minnu dak li xehed Joseph Scicluna li f'telgha minflok li joqghodu jerfghu l-handbrake joqghodu jzommu fuq il-clutch, joqghodu jilghabu fuq il-clutch u hemmhekk easy jaharquh. U dan it-Tribunal kif presedut tafu ghax kellha esperjenza personali fil-karozza taghha. Kif huwa minnu wkoll li tista taghmel service kemm trid ghax clutch jista jmur any time u l-istess dan it-Tribunal jafu mill-esperjenza.

Illi ghal dak li huwa apprezzament tal-provi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi et PA deciza 28.3.2003)** li fiha l-Qorti qalet hekk: *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienu fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminal fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli."*

L-istess fil-kawza fl-ismijiet: **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 il-Prim Awla tal-Qorti Civili** kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti f'dan il-kaz mit-Tribunal, lil certu provi u

liema ghandhom jigu skartati jew eliminati. Inghad ukoll **mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet: Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deciza fit-12 ta' April, 2007** li in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) *Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timpani a kariku tal-parti li tallega l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probation) sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor);*

(2) *Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghal ohra ghax kif jinghad "jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostnuta."*

(3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi (iuxta allegata et probate) u dan jimporta li d-decizjoni tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifiei minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti a bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timpani fuq l-Gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*

(4) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konveniment liberu tal-Gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li humal-aktar attendibbli u idonei ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell intepost mis-sentenza. Motivazzjoni din li jekk jisntab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita` kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi ma tigix disturbata minn Qorti ta' Revizjoni."*

***U fil-kawza Rosa armla minn Spampinato-Tabone noe vs Joseph Falzon deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) fil-11 ta' Dicembru, 1964*** *, illi " ma hemm ebda motiv fil-ligi l-ghaliex ghandha tigi eskluza priori t-testimonjanza ta' persuna wahda u hu veru wkoll li l-liberu apprezzament tad-deposizzjonijiet tax-xhieda hu mholli lil arbitrju prudenti tal-gudikant li ma ghandu jsegwi ebda kriterju iehor hlief*

*dak tal-konvinzjoni intima tieghu jigifieri tac-certezza morali; pero r-raguni naturali trid li meta ma jkunx hemm hlief it-testimonjanza ta' persuna wahda l-gudikant ghandu jipprocedi bi prudenza kbira fl-apprezzament taghha u jipponderaha sewwa billi jivvaluta c-cirkostanzi kollha proprji biex jikkorroboraw jew jindebolixxu affievolixxu l-motivi tal-kredibilita` tieghu."*

Mill-provi jirrizulta wkoll kif xehdet l-istess konvenuta li meta bdiet issuq l-karozza mal-ewwel damet biex dahlet il-clutch u kien dover tal-konvenuta li kieku dan kien il-kaz, li meta rat li l-karozza skont hi ghandha problema fil-clutch li titlob li tinghata vettura ohra, haga li ma ghamlitx. Mhux talli hekk talli meta waslu Victoria, Ghawdex kien hemm hafna traffiku u kien meta waslu l-Fontana Triq il-Ghajn li beda hiereg riha ta' hruq mill-karozza. It-Triq tar-Rabat kif nafuha ahna gewwa Victoria kulhadd jaf li qeghda ghat-telgha u anke jekk kif qed tallega l-konvenuta li t-traffiku gie devjat, hemmhekk huwa kollu tlajjiet sakemm tinzel ghal Triq il-Ghajn fil-Fontana inti u sejjer ix-Xlendi. It-Tribunal jemmen il-verzjoni ta' Ivan Zammit meta xehed li hekk kif startjat il-karozza l-konvenuta hija dahlitha third mhux first u dan setgha jikkonstataha minhabba li l-karozza bdiet titrippja u dan stante li jirrizulta li l-konvenuta gejja minn pajjiz li ma jsuqux bhala Malta, li f'Malta ma kellhiex esperjenza ta' sewqan ghax kieku ma kritx karozza u li ghalhekk persuna f'dawn ic-cirkustanzi huwa facli ghaliha li sakemm tidra l-gerijiet ddahhal il-gear third minflok first. Dan jigri lilna meta nikru karozza f'pajjiz fejn isuqu n-naha l-ohra tat-triq.

Huwa car li kull darba li bdew mexjin il-konvenuta kienet qed tuza l-clutch u tenut kont li hija mal-ewwel kienet qed issibha difficli biex iddahhal il-clutch dan it-Tribunal ma jsibiex difficli biex jikkonstata li l-konvenuta kull darba li beda jiccaqlaq it-traffiku kienet qed tuza l-clutch u l-pedala tal-brejk minflok tuza l-handbreak u taghmel hill start.

Is-service u l-mileage tal-vettura meta jmur il-clutch huma rrilevanti ghal kawza tal-hsara fil-vettura in kwistjoni u n-nuqqas tal-konvenuta kien li ma talbitx li tinghata vettura ohra meta kif krietha skont hi l-clutch beda diga jaghtiha l-problemi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimata u jilqa` t-talba tas-Socjeta` limitatament ghas-somma ta' erbgha mija u hamsa u ghoxrin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€425.58c) stante li l-istess Socjeta' ma gabet l-ebda prova li tilfet kirjiet meta l-karozza kienet qed tissewwa u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru, 2014 kontra l-istess konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**